# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Jannar, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **59/2018**

**SCHEMBRI RAYMOND U SCHEMBRI GRACE**
[K.I. NRU. 782860M U 409760M RISPETTIVAMENT]

***VERSUS***

**FIORINI JOHN**
[K.I. NRU. 52141G]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-2 ta' Frar, 2018 fejn l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallashom is-somma ta' erbat'elef u erbgha mitt ewro (€4,400.00c) rapprezentanti bilanc pendenti u dovut ta' self brevi manu moghti mill-atturi lill-konvenut f'diversi okkazzjonijiet, kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. Talbu ukoll l-ispejjez ta' dawn il-proceduri gudizzjarji, dawk ta' ittra legali datata 5 ta' Ottubru, 2017 u l-imghax fuq l-imsemmija somma mill-5 ta' Ottubru, 2017 sad-data tal-hlas effettiv u finali;

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher personalment (jew tramite rapprezentant tieghu) ghas-smigh ta' dan il-procediment;

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu,*

*daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenut gie debitament notifikat bl-atti processwali hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza ta' l-10 ta' Dicembru, 2018 (*a fol*. 32) u la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici.  Dan gie puntwalizzat fl-udjenza tad-9 ta' Jannar, 2019 (*a fol*. 33).

It-Tribunal sema lill-attur Raymond Schembri fl-udjenza tad-9 ta' Jannar, 2019 (ara *a fol*. 34) li bil-gurament tieghu qal li kien hemm cifra mislufa fi flus kontanti lill-konvenut minghand l-atturi u li ghalkemm l-istess kien qed iwettaq pagamenti mensili, dan waqaf jaghmel hekk u li l-ammont bilancjali fis-somma ta' €4,400.00c hi dovuta mill-konvenut u li fil-mori ta' dawn il-proceduri ma kien twettaq l-ebda halas akkont.  Raymond Schembri ezebixxa ittra legali (Dok: RS.1 *a fol*. 33) datata 5 ta' Ottubru, 2017 (li tissemma fl-Avviz tat-Talba) li tindika li s-self originali kien ta' €8,100.00c, li l-pagamenti mensili kellhom ikunu ta' €400.00c, li fid-data ta' l-emissjoni ta' l-iimsemmija ittra l-bilanc dovut kien ta' €4,800.00c u li fil-31 ta' Ottubru, 2017 hu kien ircieva hlas ta' €400.00c akkont minghand il-konvenut.

Mill-assjem tal-provi migjuba a disposizzjoni ta' dan it-Tribunal, jirrizulta li t-talba ta' l-atturi hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li qed jigi allegat u pretiz mill-atturi ma ghandux mis-sewwa jew li mhux gustifikat.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub huwa dovut mill-konvenut.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talba ta' l-atturi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess atturi s-somma ta' erbat'elef u erbgha mitt ewro (€4,400.00c), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% mill-5 ta' Ottubru, 2017 sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, kif mitlub fl-Avviz tat-Talba, huma kollha a kariku tal-konvenut.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*